

Brussell, 30 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

7492/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0151(COD)**

---

**VOTE 26**  
**INF 73**  
**PUBLIC 29**  
**CODEC 474**

**NOTA**

---

Suġġett: - Riżultat tal-votazzjoni  
- REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19  
= Adozzjoni tal-att leġislattiv  
= Eżitu tal-proċedura bil-miktub mitmuma fit-30 ta' Marzu 2021

---

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att leġislattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 għal din in-nota.

Dokument ta' referenza:

PE-CONS 70/20

data tal-adozzjoni mill-Coreper 1 tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub  
24.03.2021

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispjegazzjonijiet tal-vot jinsabu fl-Anness 2 għal din in-nota.



## General Secretariat of the Council

Institution: **Council of the European Union**  
 Session:  
 Configuration:  
 Item: **2020/0151** (COD) (Document: 70/20)  
 Voting Rule: **qualified majority**  
 Subject: **REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL amending Regulation (EU) 2017/2402 laying down a general framework for securitisation and creating a specific framework for simple, transparent and standardised securitisation to help the recovery from the COVID-19 crisis**

Vote	Members	Population (%)
Yes	25	98,75%
No	1	1,11%
Abstain	1	0,14%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: **30/03/2021**

Final result



Member State	Weighting	Vote	Member State	Weighting	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,58		LIETUVA	0,62	
БЪЛГАРИЯ	1,55		LUXEMBOURG	0,14	
ČESKÁ REPUBLIKA	2,35		MAGYARORSZÁG	2,18	
DANMARK	1,30		MALTA	0,11	
DEUTSCHLAND	18,54		NEDERLAND	3,91	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	1,98	
ÉIRE/IRELAND	1,11		POLSKA	8,47	
ΕΛΛΑΔΑ	2,39		PORTUGAL	2,30	
ESPAÑA	10,56		ROMÂNIA	4,31	
FRANCE	14,97		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,91		SLOVENSKO	1,22	
ITALIA	13,58		SUOMI/FINLAND	1,23	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,30	
LATVIJA	0,43				

\* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

### **Dikjarazzjoni mill-Irlanda**

L-Irlanda ma tistax tappoġġa din il-proposta. Għandna tħassib dwar it-test il-ġdid fil-premessa u l-artikolu u l-proċess utilizzat biex jinkiseb qbil dwar it-test. Hu arranġament li ilu stabbilit li l-kwistjonijiet tat-taxxa jiġu diskussi u maqbula biss mill-esperti tat-taxxa fil-gruppi ta' ħidma rilevanti dwar it-taxxa fil-Kunsill. Dan jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-proċedura leġiżlattiva speċjali u l-unanimità għal kwistjonijiet tat-taxxa kif imnaqqxa fit-Trattati. Skont it-Trattati, il-Parlament Ewropew għandu biss rwol konsultattiv fi kwistjonijiet tat-taxxa iżda f'dan il-ftehim il-Parlament Ewropew kellu rwol ta' abbozzar fit-test finali. Aħna ma nemmnu li t-taxxa hija marbuta biżżejjed mar-realizzazzjoni b'suċċess tal-proposta dwar it-Titolizzazzjoni tas-CMRP u aħna nopponu li t-taxxa tintuża bħala element ta' kumpens f'fajl tas-Servizzi Finanzjarji biex jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew. Ninsabu mħassba li qed jiġi stabbilit preċedent perikoluż u li d-dritt sovrani tal-Istati Membri li jistabbilixxu politika tat-taxxa qed jintmess, mingħajr ebda referenza għal, jew konsultazzjoni mal-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill għat-tassazzjoni.

Aħna konna nippreferu aktar żmien biex l-esperti tat-taxxa tal-Istati Membri ikunu ġew ikkonsultati kif xieraq u biex ikunu pprovdew opinjoni kkunsidrata. Tali konsultazzjoni kienet tippermetti lill-Kunsill u lill-Parlament jilhqqu soluzzjoni f'waqtha li tassisti lis-Swieq Kapitali biex jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19 mingħajr ma taffettwa bla bżonn is-sovrani tal-Istati Membri fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' tassazzjoni.

## Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Il-Lussemburgu ma jistax jappoġġa t-test tar-regolament u ser jastjeni. Filwaqt li ma nopponux l-objettivi tar-regolament bħala tali, għandna tħassib dwar il-proċess użat biex jintlaħaq qbil dwar il-formulazzjoni fl-Artikolu 1(2)(c) u l-premessi (6) u (7) relatati miegħu li joħolqu proċedura ta' notifika lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri għall-SSPE stabbiliti f'ġuriżdizzjonijiet imsemmijin fl-Anness II tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx minħabba t-tħaddim ta' reġim ta' taxxa dannuż f'fajl tas-servizzi finanzjarji li għalih l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea serva bħala bażi legali. Infakkru li l-kwistjonijiet tat-taxxa huma l-kompetenza unika tal-Istati Membri u d-deċiżjonijiet dwar il-politika tat-tassazzjoni huma d-dritt sovrani tal-Istati Membri, u huwa għaliex it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fih proċedura leġislattiva speċjali u votazzjoni b'unanimità fil-Kunsill filwaqt li r-rwol tal-Parlament Ewropew huwa sempliċiment konsultattiv.

---